FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOĊAL ĊOUNĊIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

27 t'Ottubru 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat- tmien (08)laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Seba' (07) Laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgħa 28 t' Ottubru 2015 fil-5.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Aġġudikazzjoni t' Offerti
10. Genna ta Gonna...U Hafna Aktar!
11. Attivita' – *Breast Ċanċer awareness*
12. Kunċert tal-Milied b'risq l-Istrina
13. Kampanja "Qalb Furjaniza, Qalb Hanina"
14. Traffiku u parkeġġ
15. Gonna u soft areas
16. Villaġġ tal-Milied u Attivita ta` Lejliet il-Milied
17. Aġġornament tal-Laqgħa

Għat-Tmien' (08) laqgħa tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **il-Viċi Sindku Ivan Hallett, Il-Kunsillier Matthew Paris, Il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vinċent Borg flimkien mal-Agent Segretarju Eżekuttiv S Flores**

**Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet permezz ta e-mail li tkun skuzata minħabba raġunijiet ta saħħa.**

**L-Ambaxxatriċi Lokali għaz-Żgħazagħ Miċhaela Farrugia ma kinitx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba zgħira mill-Viċi Sindku Ivan Hallett u l-membri preżenti.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sebgħa (07) laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq korrezjoni fuq il-materja 07/02 u talab li jiżdied il kliem" Huwa żied jgħid li jekk ma nonorawx il-personaġġi aħna, ma jonorahom ħadd." wara il-kliem "...toroq residenzjali wkoll." Il-Kunsill qabel nem con.

1.3. Il-Kunsillier Vinċe Borg ressaq korrezjoni fuq materja 3.5, u talab li l-kelma "Ottubru" għandha tigi sostiwita bil-kelma "Settembru". Il-Kunsill qabel nem con.

1.4. Il-Kunsillier Vinċe Borg ressaq korrezjoni fuq materja 4.14.1, u talab li l-kelma "Middlesea" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Ċitadel Insranċe. Il-Kunsill qabel nem con..

1.5. Il-Kunsillier Vinċe Borg ressaq korrezjoni fuq materja 10.3 u talab li jiżdied il-kliem "wara suġġeriment tal-Kunsillier Vinċe Borg" fl-aħħar tas-sentenza. Il-Kunsill qabel nem con.

1.6. Il-Kunsillier Vinċe Borg ressaq korrezjoni fuq materja 10.9 u talab li l-frazi "il-Mall" jiġi sostit bil-frazi "fl-Argotti". Il-Kunsill qabel nem con.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vinċe Borg u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul., bil-votazzjoni tkun kullħadd favur. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mill-Viċi Sindku Ivan Hallett u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja numru 4.19 u staqsa meta ser issir id-*demarċation box* sabiex tinxtegħel il-fossa tal-qamħ.

2.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv li d-*demarċation box* ser issir għall-fanali ornamentali ta Pjazza San Publju, u sussegwentament, il-fossa titqabbad magħha.

2.1.2 Huwa żied jgħid li għad mandux ġurnata meta l-Enemalta ser jgħamlu ix-xogħol relatat mal-wiring għad-demarċation box.

2.2 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja nru 4.14 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq l-*isponsorship* tal-vann.

2.2.1 L-Aġent Segretarju Ezekutti irrimarka li huwa kien bagħat korrispondenċa lis-Ċitadel Insuranċe, iżda ma rċeviex risposta.

2.2.2 Il-Kunsill innota li l-ħaddiem tal-manutenzjoni qed ibagħti minħabba li l-lokalita' m'għandiex konfini zgħar u kull biċċa xogħol irid imur għaliha bil-mixi, filwaqt li jġorr l-għodda u il-materjal bl-idejn permezz ta *trolley*, ladarba li l-Kunsill m'għandux mezz iehor ta' trasport.

2.2.3 Il-Kunsillier Vinċe Borg qal illi hu ma jistax jifhem għala hemm dan id-dewmien kollu bla bzonn, u għaldaqstant wasal iz-zmien li l-Kunsill jaħseb hu sabiex jinvesti f'vettura.

2.2.4 Il-Kunsillier Matthew Paris, irrimarka li f'kull kaz, jekk jinstagħab xi *sponsor* matul iż-żmien, jkun jista jisponsorjah xorta, u anke isirlu reklam ta' dan fuq il-vettura.

2.2.5 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament li issir ftit riċerka fuq van, u sussegwentament, tohrog offerta pubblika għal-Xiri ta Van.

2.3 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja nru 4.16 u saqsa jekk waslux it-tabelli sabiex Triq San Publju issir *one way* kif approvata minn Transport Malta.

2.3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li it-tabelli għadhom ma waslux, iżda ser jiċċekja fuq din il-materja, u jivverifika fuq dan id-dewmien.

2.4 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja nru 4.17 u staqsa jekk il-lift kienx issewwa.

2.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affirmattiv iżda irrimarka li dan il-lift jagħti hafna problemi.

2.5 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja nru 4.18 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

2.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li saret komunikazjzoni kemm mas-Sezzjoni tal-Heritage kif ukoll mal-perit Ċhristopher Mintoff, sabiex il-file relevanti jerga jieħu postu u jirranka il-proċess.

2.5.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li propju ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa kien mitlub mill-Awtorita' tad-Djar biex jagħti rendikont tal-progress li sar, u huwa ħejja dan ir-rapport bid-dettalji kollha propju illum, u li ser jintbagħat lilom għada.

2.6 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja nru 7.6 u staqsa jekk il-kotba ġewx printjati, u jekk bdewx jinbiegħu.

2.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-pubblikazjoni tlestiet, u bdew jinbiegħu għall-ewwel darba f'Ġenna ta' Ġonna.

2.7 Il-Kunsillier Vinċe Borg għamel riferenza għall-materja nru 13.4 u saqsa jekk kienx hemm progress.

2.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv, u ser jieħu azzjoni immedjata

2.8 Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel riferenza għall-materja nru 4.11 u staqsa jekk irċevejniex lura xi komunikazzjon.

2.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li il-komunikazzjoni intbagħtet iżda ma ġietx riċevuta risposta jekk tneħħiex jew le.

## <u>3.0</u> <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett ressaq korrispondenza mingħand Fr Publios Mair,OFM, Ċap, Gwardjan, Kunvent tal-Kapuċċini fejn talbu lil-Kunsill jipparteċipa f'eżerċizzju ta ristawr zgħir.

3.1.1 Il-Kunsill iddiskuta it-talba u qabel li ristawr t' oġġetti antiki huwa importanti li jsir sabiex ma tintifx l-istorja tal-Floriana, u għaldaqstant qabel li jagħmel dan ix-

xogħol sa massimu ta €450.

3.1.2 Il-Kunsillier Matthew Paris offra li jorganizza laqgħa magħhom sabiex jiddiskuti iktar fid-dettal din il-materja. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ser jinforma lil-Membri tal-Kunsill bid-dettalji tal-laqgħa.

3.2 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett ressaq korrispondenza mingħand is-Sinjura Maria Anna Merċieċa, fejn qed titlob għall-dani li sofriet meta allegatament irwiet saqajha hija u nieżla mill-bankina minn Triq Sant'Anna għall-Triq Is-Suq. Huwa ressaq ukoll abbozz ta' risposta li ħejja l-Avukat tal-Kunsill.

3.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kif jiġri f'kull kaz, t-talba għaddiet għand l-avukat tal-Kunsill fejn ta l-parir tiegħu. L-Avukat irrespinga l-allegazzjonijiet tas-Sinjura Merċieċa.

3.2.2 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li danni morali ma jeżistux għal-finijiet legali.

3.2.3 Il-Kunsill qabel mar-risposta l-avukat tal-Kunsill, u għaldaqstant, approva li tintbagħat l-ittra lis-SInjura Maria Anna Merċieċa.

3.3 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett ressaq korrispondenza mill-kuntrattur Wilson Mifsud, direttur tal-Kumpanija WM Environmental Ltd, fejn irrimarka li qed isib problema sabiex titbattal l-iskip ta' ħdejn il-klabb tal-Hockey u l-Football Nursery, minħabba karozzi li jkunu ipparkjati fin-nofs taż-żona ta' parkeġġ. Huwa issuġġerixxa li minflok l-iskip jingħataw bins izgħar, sabiex b'hekk ikun jista jgħaddi b'inqas diffikulta.

3.3.1 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett saħaq li għandu jibqa kollox kif inhu. Huwa irrimarku li l-kuntrattur ta' qablu qatt ma kien jilmenta minn din is-sitwazzjoni. Huwa żied jgħid ukoll li riċentament, il-mepa ordnat it-tneħħija tat-tined li kellu armati l-bar tal-Klabb tal-Boċċi, u peress li dawn tneħħew, issa ser ikun hemm iktar spazju ta' parkeġġ.

3.3.2 Il-Kunsill qabel li għanda tintalab iktar sorveljanza mill-gwardjani lokali fiż-żona in kwistjoni.

3.3.3 Il-Kunsill qabel li s-sistema għandha tibqa kif inhi, u mhux kif suġġerit mill-Kuntrattur WM Environmental Ltd.

3.4 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett ressaq korrispondenza mingħand Dimbros Ltd li talab li, minħabba proċeduri ġodda imposti mill-liġi tal-WEEE, isir tibdil fil-kuntratt, biex jirrifletti dan il-kambjament. Huwa issuġġerixxa li, jew il-ġabra ta' skart goff tibda tinqasam *at sourċe* mill-kunsill, b'affarijeit tal-WEEE jigu miġbura f'ġurnata, u affarijiet oħrajn ġurnata għalihom, jew inkella jiġi ikkumpensat fi flus tal-ħin.

3.4.1 Il-Kunsillier Matthew Paris saħaq li hu ma jaqbilx mas-separazzjoni *at sourċe*, għax inkella ikun ifisser li qed noħolqu bring in-site għand ir-resident, li jkollu joqod iġemma l-affarijiet biex jiddisponi minnhom. Il-Kunsill qabel ma dan il-prinċipju

3.4.2 Il-Kunsillier Vinċe Borg qal li jista jissepara l-oġġetti il-Kuntrattur fil-van stess, huwa u jgħabbi l-iskrat goff.

3.4.3 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett saħaq li l-argument tal-Kuntrattur ma jagħmix sens, għax il-kollettur xorta fis-sit dedikat qed ihott, bid-differenza tkun f'liema żona iħott.

3.4.4 Għandaqstant il-Kunsill qabel li ladarba xorta qed jidhol fi Ċiviċ Amenity Site waħda biss, jibqa jitħallas l-istess.

3.4.5 Għaldaqstant it-talba tal-Kuntrattur Dimbros Ltd ma ġietx milqugħa

3.5 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett ressaq korrispondenza mingħand is-Sur Edward Zammit mill-MTA, fejn informa li l-kunċert Isle of MTV 2016 huwa intenzjonat li jsir fuq il-fosos tal-Floriana fit-28 ta' Ġunju 2016. Il-Kunsill approva it-talba għall-uzu tal-Fosos.

3.6 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett talab lil-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti rendikont tal-laqgħa li saret mar-Rapprezentatnti tal-MTA rigward il-proġett li offrew li jgħamlu.

3.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv inform li waqt il-laqgħa ġie ppreżentat il-proġett komplut, u offrejna li jsri partijiet, jew maqsum f'fażijiet.

3.6.2 Minn-naha tar-rapprezentanti, la approvaw, u lanqas qalu le, iżda, infurmawna li ser jiddiskutuh internament, u javviċinawna bid-deċizjoni.

3.6.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv inform li sa dak inhar, kien għadu ma rċevix risposta jew xi komunikazjoni oħra.

3.7 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett ressaq korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward ta' Skema ta' Attivitajiet Kulturali għas-sena 2016.

3.7.1 Il-Kunsillier Matthew Paris issuġġerixxa li niltaqaw maċ-Ċhairperson tal-MTA jew persuna f'Awtorita oħra relevanti sabiex jiġi diskuss il-pjanijiet għal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, u jekk dawn humiex lesti li jassorbu il-Festival huma, bil-patt li ma jinbidlux kundizjonijiet tiegħu

3.7.2 Il-Kunsillier Matthew Paris informa li sussegwentement tal-laqgħa imsemmija, il-Kunsill jiddeċiedi jekk l-applikazjoni għandiex issir fuq il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizat, jew inkella tigix trasferita għall-attivita ta St Patrick's Day.

3.7.3 Il-Kunsillier Matthew Paris żied jgħid li f'kull kaz, applikazjoni għanda issir għal Ġenna ta' Gonna 2016

3.7.4 Il-Kunsill qabel nem con.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem rigward il-laqgħa mal-Wardens, liema laqgħa giet posposta, u saqsa lil-Viċi Sindku jekk kienx hemm aġġornament.

4.1.1 Il-Viċi Sindku wieġeb fin-negattiv, iżda ser issir talba sabiex din il-laqgħa li giet

postpostna, terġa tiġi skedata

4.2 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa lil-Viċi Sindku jekk kienx hemm aġġornament fuq il-laqha mitluba lil-Superintendecen of Cultural Heritage sabiex jigi diskuss il-bini tal-armata li inbena quddiem is-swar tal-Floriana

4.2.1 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett wieġeb fin-negattiv.

4.2.2 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li issa wasal iż-żmien li l-Kunsill isabbat saqajh, għax ma jistax ikun li l-Ministur ikkonċeda laqgħa, u il-Heritage Malta għadhom le.

4.2.3 Huwa żied jgħid lil-Kunsill qed jispiċċa jiġi kritikat intortament.

4.2.4 Il-Kunsillier VB irrimarka li l-heritage ikkonċedew il-laqgħa iżda baqgħu ma tawx dettalji ta' meta tista tinżamm.

4.2.5 Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li hu qed iħoss li din l-Awtorita qed tinjora lil-Kunsill, mhux lesti li jiltaqaw, u mhux lesti li jagħtu spjegazzjonijiet.

4.2.6 Il-Kunsillier James Aaron Ellul żied jgħid li L-Heritage ħargu stqarrija fejn qalu li s-swar tal-Belt ma ġewx affetwati, iżda naqsu milli jinkludu is-swar tal-Floriana.

4.2.7 Wara diskussjoni libera, il;-Kunsill qabel li għandu jerġa ifakkar lil-Heritage fuq din il-laqgħa, u jagħtihom ċans sal-15 ta' Novembru, altrimenti iżomm id-dritt li jieħu l-azzjonijiet neċessarji

4.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lil-Viċi Sindku jekk kienx hemm tweġiba għat-talba għal-laqgħa li saret lil-organizzaturi taċ-Chogm.

4.3.1 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett wieġeb fin-negattiv.

4.3.2 Il-Kunisll qabel li jerga jibgħat nota sabiex ifakkarom.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kienx hemm rapporti u minuti tal-Kumitati / Sottokumitati.

## 6.0 Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill

6.0 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa lill-membri tal-Kunsill li huwa kien avviċina lis Sur Stephen Barbara, il-persuna li ħoloq is-sit elettroniku tal-Kunsill sabiex isiru xi aġġustamenti.

6.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa lill-membri tal-Kunsill li huwa kien talab għall-numru ta kwotazzjoniet rigward il-cat caffees, iżda ma kienx irċieva risposti. Huwa żied jgħi li fil-futur qarib ser imur idur xi ħwienet u jiġbor il-prezzijiet direttament.

6.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul informa lill-membri tal-Kunsill li huwa kien għamel kuntatt mal-HSBC rigward it-tabella ta' Merħba, u anke ħadem fuq numru ta disinnji. Huwa informa li diskussjonijiet mal-HSBC ma kienut daqstant promittenti, u għaldaqstant ser ifittex alternattivi oħra

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 06/07, li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Matthew Paris ~~Borg~~ u ssekondat mill-Viċi Sindku Ivan Hallett, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bħala ċekk nru 13038 sa 13087, u 194 sa 200, bir-rizultat:

Favur: 4 (MP, IH, JAE, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.3 Għaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet giet approvata u ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku, minn żewġ kunsillieri u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

7.4 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kif maqbul, ġab kwotazzjoni għal-ashtrays sabiex jitwehhlu viċin stabbilimenti kummerċjali fi Triq Sant Anna u oħrajn, u liema kwotazzjonijiet ġew impoġġija fuq il-mejda tal-Kunsill.

7.4.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jintagħzel il-mudell kwotat minn Mensija Trading, Artiċle 106001.

7.4.2 Il-Kunsill qabel ukoll li jixtri 20 kontenitur.

7.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien iddiskuta offerta ma' Ozone Ltd sabiex tiġi riveduta is-sistema tat-telefonija tal-Uffiċju Amministrattiv, liema offerta kienet ġiet ċirkolata minn qabel.

7.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-offerta diskussa kienet tinkludi iffirmar ta ftehim mal-Kumpanija rispettiva, li għall prezz ta €150 fix-xahar, iż-żewġ linji fissi eżistenti ikollom telefonati bla limitu fuq kwalunkwe numru lokali, liema prezz jiġi ftit inqas milll-ispiza li l-kunsill għandu bħalissa.

7.5.2 L-Aġent Segretarju Ezekutti qal li l-vantaġġ huwa li l-Kunsill jingħata sistema ta PABX diġitali, bl-apparat kollu relevanti, mingħajr hlas.

7.5.3 Is-Segretajru Ezkeuttiv żied jgħid li s-sistema li l-kunsill għandu preżentament hija sistema antikwata, li qed tagħti numru problemi, u b'faċilitajiet limitati, u għaldaqstant, preżentament il-Kunsill jaqbillu li jieħu din l-opportunita.

7.5.4 Il-Kunsill approva l-offerta ta Ozone Ltd nem con.

7.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li hu, flimkien ma membri tal-Kunsill kienu iltaqaw mal-fornitur suġġerit sabiex jinkrew id-dwal tal-Milied.

7.6.1 Huwa żied jgħid li ġie diskuss liema disinni ser jintramaw, u anke numru ta' festuni.

7.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ix-xogħol ser ikun maħdum minn żewg kuntratturi, u l-ispejjez, li jammontaw komplessivament għall-€2,300 jinkludu il-kiri, it-twaħħil, il-manutenzjoni, numru ta sistemi b'bozoz tal-

LED's biex b'hekk tonqos l-ispiża tal-konsum, u l-*handling* tal-applikazzjonijiet tal-Enemalta.

7.6.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li huwa ppjanat li l-ispiża ser tkun inqas minn tas-sena l-oħra, bid-differenza li ser jinkera il-materjal kollu.

7.6.4 Il-Kunsillier Matthew Paris żied jgħid li huwa tal-ideja li jitfittex sponsorship u jekk jinstagħab, issir kompetizzjoni għall-isbah armar tal-Milied mal-faċċata ta djar privati, entitajiet kummerċjali. Jekk ir-rizultat ikun pozittiv, issuġġerixxa li tinħareg komunikazzjoni lir-residenti u entitajiet kummerċjali fejn ninfurmawhom b'dan. Il-Kunsill qabel.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

Mozzjoni 08/01: Sabiex tinqala t-tabella ta' (no entry exċept residents ) li hemm fi Triq Iljun kantuniera ma Triq V Bugeja u titpoġġa fil -kantuniera ta' Triq iljun kantuniera ma Triq Argotti.( il-wiegħsa ). It-tabella li hemm titnehha għal kollox.

Proponent: Vinċe Borg
Datata: 19 ta' Ottubru 2015

Il-Kunsillier Vince Borg ta spjegazzjoni iktar dettaljata fuq din il-mozzjoni.

Wara diskussjoni libera, il-Kunsillier Matthew Paris issekonda il-mozzjoni, u għaldaqstant ittiehed vot. Il-Kunsilliera prezenti ivvutaw kollha favur.

Mozzjoni 08/02: Nibdew diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex ir-reġjun tagħna, tal-Floriana u l-Belt Valletta ma jibqax jaqgħa ma' dak tax-Xlokk iżda jsir reġjun wieħed bħala dak 'tal-Floriana u l-Belt Valletta'. Nemmen li jekk nilħqu qbil mal-Kunsill Belti, ikun intlaħaq l-ewwel pass biex flimkien nersqu quddiem il-bord tar-reġjuni u nagħmlu din it-talba flimkien.

Proponent: James Aaron Ellul
Sekondant: Dott. Matthew Paris
Datata: 19 ta' Ottubru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul ta spjegazzjoni iktar dettaljata fuq din il-mozzjoni, fejn fost affarijiet oħra irrimarka li l-iskop huwa li jikber id-dħul tal-Kunsill, partikolarment miċ-ċitazzjonijiet.

Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li sa fejn jiftakar, xi ħaga simili kienet diġa ġiet proposta. Dan ġie ikkonfermat mill-Kunsillier Vince Borg li iżda irrimarka li tali proposta ma kienetx ġiet approvata.

Il-Kunsillier Matthew Paris fakkar li seħħew zviluppi fis-sistema taċ-ċitazzjonijiet, fejn is-sistema ġiet mgħoddija lill-L.E.S.A, liema sistema ser taffetwa ħafna din il-mozzjoni, galadarba il-flus m'għadomx imorru għand-ir-regjuni.

Wara kunsiderazzjoni ta' dawn il-punti, il-mozzjoni ġiet irtirata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, sakemm isir iktar riċerka.

Mozzjoni 08/03: Suġġeriment lill-Gvern biex jibda' jħejji lezzjonijiet li huma ferm meħtieġa lill-persuni barranin li jinsabu fil-lokalita' tagħna. F'dawn il-lezzjonijiet għandhom jiġu mgħallma l-aktar affarjiet bażiċi biex jintegraw faċilment fil-lokalita' tagħna.

Proponent: James Aaron Ellul
Sekondant: Dott. Matthew Paris
Datata: 19 ta' Ottubru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul ta spjegazzjoni iktar dettaljata fuq din il-mozzjoni, fejn fost affarijiet oħra irrimarka li mir-riċerka li għamel irriżulta li qatt ma ssemmit fil buġġit xi ħaga simili.

Huwa issuġġerixxa li għaldaqstant

- primarjament jitlob il-Ministeru/i kkonċernat/i fejn jara jekk hemmx xi haga simili ezistenti,
- Jekk m'hemmx, jitlob lill-Ministeri / Gvern sabiex jew ikunu ta' sapport għall-Kunsill sabiex jorganizza il-korsijiet, jew inkella jiġu organizzati direttament mill-Gvern Ċentrali.

Wara diskussjoni libera, il-mozzjoni tressqet għall-vot. Il-Kunsilliera prezenti ivvutaw kollha favur.

Mozzjoni 08/04: Wara s-suċċess li l-Kunsill kollu kiseb bil-filmat tal-'Ġenna ta' Ġonna u Ħafna Aktar', jien nipproponi li jsir filmat ieħor għall-bidu tas-sajf, fejn nitolbu l-għajnuna wkoll tal-*Malta Tourism Authority* li dan il-filmat issir bi sħab magħhom, dejjem jekk dan ikun possibli.

L-idea għalhiex qabel is-sajf;

- B'hekk joħroġ il-filmat qabel jibda l-istaġun u l-Floriana tkun tista' tkun *featured* bħala lokalita' turistika ewlenija fil-gżejjer Maltin.
- Inkunu ġbidna wkoll siltiet mill-Festa ta' San Publju, l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar ta l-Art Mekkanizzat u anke St. Patrick's Day u jsiru arranġamenti sabiex jigu pprovduti filmati tal-Isle of MTV.

Proponent: James Aaron Ellul
Sekondant: Dott. Matthew Paris
Datata: 19 ta' Ottubru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul ta spjegazzjoni iktar dettaljata fuq din il-mozzjoni, fejn fost affarijiet oħra spjega li l-iskop ta dan il-fimat huwa li tigi riklamata il-Floriana bħala post turistiku.

Wara diskussjoni libera, il-mozzjoni tressqet għall-vot. Il-Kunsilliera preżenti ivvutaw kollha favur.

Mozzjoni 08/05: Fil-Ġnien tal-KGV hemm grupp ta' rġiel li qed jiltaqgħu għal-logħba tal-boċċi. Dawn l-irġiel wrew ix-xewqa li nitfgħu xi ramel fiż-żona magħluqa li qed

jilgħabu fiha, biex b'hekk ma tibqax issir ħsara minħabba l-art iebsa.

Proponent: James Aaron Ellul
Datata: 21 ta' Ottubru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul ta spjegazzjoni iktar dettaljata fuq din il-mozzjoni

Il-Kunsillier Vinċe Borg irrimarka li tali proposta diga kienet approvata mill-Kunsill fil-passat, iżda l-proġett ma sarx minħabba l-ispiża involuta, kif ukoll l-aspett ta *heritage*. Il-Kunsillier James Aaron irrimarka ser isir enfażi kbira sabiex jiġi rispettat l-aspett storiku taz-zona u li bl-ebda mod dan il-progett m'għandu jimpatta ħazin fuq dan l-aspett. Huwa żied jgħid ukoll, li proġett isir jekk l-ispiza involuti tkun approvata mill-kunsill. U għaldaqstant, tintalab l-opinjoni tal-perit fuq dawn il-punti

Wara diskussjoni libera, il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Matthew Paris tressqet għall-vot. Il-Kunsilliera preżenti ivvutaw kollha favur, u li għandu jigi avviċinat il-perit tal-Kunsill sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu.

---

Mozzjoni 08/06: Sabiex f'Jum il-Floriana jintrammaw il-posters li mhux jintużaw tal-personaġġi Furjanizi fi Triq Sant'Anna. Hija ħasra li dawn saru biex intużaw darba u issa mhux jintużaw. Naraw il-possibilta' jekk mhux possibli li jkunu fi Triq Sant Anna (l-biċċa tal-bini) jew bejn il-Bombi u Pjazza Sant'Anna, ovvjament naraw sew fejn l-aħjar dawn issiru biex nibqgħu ngħatu gieh il-Furjaniżi li għamlu l-isem lil-lokalita' tagħna.

Proponent: James Aaron Ellul
Datata: 21 ta' Ottubru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul għamel korrezzjoni fuq il-mozzjoni, fejn talab li jitneħħa il-kliem "jew bejn il-Bombi u Pjazza Sant'Anna"

Il-Kunsillier James Aaron Ellul ta spjegazzjoni iktar dettaljata fuq din il-mozzjoni, partikolarment fejn jistaw jeħlu dawn il-posters, bis-sit propost ikun Triq Sant'Anna mal-arbli iz-zgħar li hemm mal-ġnub tat-triq, imwaħħlin fuq l-arkati.

Il-Kunsillier Vinċe borg wera it-tħassib tiegħu fuq is-sit suġġerit, minħabba li possibilment, il-posters jistaw jagħmlu hsara fuq l-istrixxi tad-dawl. Il-kunsillier James Aaron Ellul ma qabilx ma dan l-argument ghax jistaw jeħlu b'modi diversi.

Il-Kunsillier Vinċe Borg irrimarka li dan ser iffisser li l-Kunsill ser ikollu jidhol għal-spiza addizjonali sabiex jitwahhlu dawn il-posters.

Il-Viċi Sindku Ivan Hallett irrimarka li f'dak iz-zmien ta Jum il-Floriana, il-post magħzul ikun użat mill-grupp tal-armar tal-festa, u fuq l-istess arbli jitwahhlu bnadar zgħar ta Malta u ta' San Publju.

Wara din id-diskussjoni, il-Kunsill qabel fil-prinċipju, iżda il-mozzjoni ma tressqitx għal-

vot, sabiex issir il-verifka jekk l-arbli imsemmiha ikunux liberi minn xi użu, u jekk il-Grupp Hidma San Publju humiex lesti li jwaħħlu il-posters senza interessi.

## 9.0 Aġġudikazzjoni ta Offerti

9.1 Il-Viċi Sindku Ivan Hallet infurma li ġew ippubblikati żewġ offerti puibbliċi, dik ta Provvediment ta Polza tal-Assikurazzjoni, u dik ta' Asfaltar ta Toroq u Manutenzjoni ta Bankini. Huwa informa lill-membri tal-Kunsill li l-offerti jgħalqu fil--25 ta Novemberu, u għaldaqstant, dakinhar għanda issir l-aġġudikazzjoni.

## 10.0 Ġenna ta' Ġonna u Hafna Aktar!

10.1 Il-Viċi Sindku irrimarka li l-Attivita kienet suċċess, grazzi ukoll għat-temp li iffavorixxa l-andament tal-Attivita'. Huwa żied jgħid li il-ħsieb huwa li s-sena d-dieħla l-attivita tkompli tikber b'iktar attrazzjonijiet.

10.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qabel mal-Viċi Sinku, u irrimarka li kien hemm xi affarijiet zgħar li għas-sena d-dieħla jistaw jiġu studjati aħjar biex jitranġaw. Huwa semma kif mill-esperjenza passata, il-Fun Train, li dis-sena ma setatx topera, kienet tilhaq iktar l-iskop mill-*Vintage bus* li intuzat bħala alternattiva.

10.3 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka ukoll li seta' kien hemm tindif aħjar, speċjalment fejn il-mina tal-ferrovija. Din l-attrazzjoni kella ukoll l-iżvantaġġ li d-dhul għaliha kien kemmxejn jiżloq. Madankollu, din l-attrazzjoni attirat numru rekord ta' nies.

10.4 Il-Kunsillier Vinċe Borg irrimarka li tkun ideja tajba kieku għall-attrazzjoni imsemmija tinfetah id-daħla originali, iżda wieħed irid jistudja jekk dan huwiex possibli.

10.5 Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li l-post magħzul għall-Artisan Market irriżulta li ma attirax konkorrenza kif mextieq, u għaldaqstant, f'kaz li jerġa isir, dan ma jerġax isir fl-istess żona, iżda isir f'post ieħor, bħal eżempju fuq il-Fosos.

10.6 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-attrazzjoni tal-karozzi attirat ħafna nies. Huwa żied jgħid li wiehed għandu jiehu jikkunisdra li tiżdied is-sigurta fuq din l-attivita f'edizzjoni oħra.

10.7 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett irrimarka li kellu talba minn sidien ta' trakkijiet biex is-sena d-dieħla anke huma jiġu mistiedna biex jipparteċipaw. Huwa żied jgħid li l-attrazzjoni tista tikber billi jiżġ mistiedna anke muturi.

10.8 Il-Viċi Sindku Ivan Hallett irrimarka li l-attivita tal-għana ġibdet interess ukoll, u sarrfet f'iktar kummerċ.

10.9 Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li kull attrazzjoni iġġenerat parteċipazzjoni kbira. Huwa issuġġerixxa li f'edizzjoni oħra, il-Kunsill għandu jaħseb għall-tpoġġija temporanja ta kontenituri tal-iskart, sabiex tinżamm iktar indafa.

10.10 Il-Kunsillier Matthew Paris ħa l-opportunita biex jirringrazzja l-għaqdiet kollha li ipparteċipaw b'xi mod jew ieħor, u lill-haddiema tal-Kunsill Godwin Azzopardi u Alfio Sċiberras tax-xogħol siewi li wettqu. Il-membri tal-Kunsill preżenti ingħaqdu mall-Kunsillier Matthew Paris

10.11 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li tinżamm attivita ta prezentazzjoni ta Ċertifkati li parteċipanti. Il-Kunsill qabel li din għanda tinżamm il-Hamis 19 ta'Novembru 2015, fis-7.00pm

## 11.0 Attivita' – Breast Ċanċer awareness

11.1 Il-Viċi Sindku informa li din il-materja ġiet mitluba titqied fuq l-Aġenda mis-Sindku, u peress li ma setatx tkun preżenti, ma setatx tikellem fuq il-materja. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li din il-materja ma tiġix diskussa.

## 12.0 Kunċert tal-Milied b'risq l-Istrina

12.1 Il-Viċi SIndku informa li din il-materja ġiet mitluba titqied fuq l-Aġenda mis-Sindku, u peress li ma setatx tkun preżenti, ma setatx tikellem fuq il-materja. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li din il-materja ma tiġix diskussa.

## 13.0 Kampanja "Qalb Furjaniza, Qalb Hanina"

13.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li beda il-kuntatti sabiex il-kampanja tkun suċċess. Huwa informa li l-filmat ser jiswa madwar €100. Il-Kunsill approva in-nefqa

13.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul preżenta il-programm tal-filmat lil-kunsilliera, li ser jinzamm is-Sibt 31 t'Ottubru.

13.3 Il-Kunisllier James Aaron Ellul informa li-Floriana Football Ċlub, ma jistawx ikunu prezenti f'dik il-gurnata meta ser jiġibed il-fimat, u għaldaqstant ġie deċiz li l-filmat tagħhom jinġibed fuq il-post fejn jagħmlu it-taħrig.

13.4 Il-Kunsill qabel li ġbid tal-filmat tal-Kunsilliera għandu jinżamm meta il-Kunsilliera ikun disponibbli. Fin-nuqqas tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għada tigi ċirkolata komunikazzjoni interna sabiex jiġi determinat id-data u il-ħin.

13.5 Il-Kunsill qabel li la darba il-kampanja tiġi varata, il-Kunsill u l-għaqdiet tal-lokal għadhom jipparteċipaw billi jorganizzaw attivitajiet zgħar fejn ikunu jistaw jinġabru fondi.

## 14.0 Traffiku u parkeġġ

Ma kienx hemm affarijiet x'jiġu diskussi taħt din il-materja.

## 15.0 Ġonna u soft areas

15.1 ~~Il-Viċi Sindku Ivan Hallett~~ Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li kien hemm xi drabi li parti mill-Gnien Sir Luigi Preziosi ma xegħelx, għaldaqstant talab lis-Segretajru Eżekuttiv sabiex jindirizza din il-materja

15.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ser jikkuntatja lil-Fornitur tal-Fanali sabiex jirranga il-ħsarat fil-fanali.

## 16.0 Villaġġ tal-Milied u Attivita ta' Lejlet L-ewwel tas-Sena

16.1 Il-Viċi Sidnku Ivan Hallet talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħati informazzjoni fuq il-materja.

16.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega, li l-permess tal-Attivita li l-Kunsill kien ser jorganizza konġuntament ma terzi persuni, ma ħariġx, minħabba deċizjoni fil-Kabinet li ż-żona mitluba ma tintuza għall-attivitajiet fix-xahar ta Diċembru.

16.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li għaldaqstant, ġiet irtirata l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill għall-iskema ta' Attivitajiet Kulturali tax-xahar ta' Diċembru.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 25 ta' Novembru 2015 fil-5pm.

Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm.

Davina Sammut Hili
Sindku

Svetlick J. Flores
Aġent Segretarju Eżekuttiv